C/2024/3544

10.6.2024

**Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni tal-approvazzjoni ta' emenda standard tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33**

(C/2024/3544)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

**"Falerio"**

**PDO-IT-A0433-AM03**

**Data tal-komunikazzjoni: 12.3.2024**

**DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U RAĠUNIJIET GĦALIHA**

1. **Inklużjoni ta' referenza leġiżlattiva**

Deskrizzjoni:

Ta' min jinnota li għat-tip Falerio Pecorino, ir-rekwiżit ta' densità ta' mill-inqas 3 000 dielja għal kull ettaru japplika għall-vinji li tħawlu wara d-dħul fis-seħħ tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott annessa mad-Digriet Ministerjali tas-17 ta' Mejju 2011.

Raġunijiet:

Il-ħtieġa li tiġi speċifikata b'mod inekwivoku s-sena li fiha tħawlu l-vinji li jaqgħu taħt l-ambitu tar-rekwiżit.

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 4 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

2. **Korrezzjoni formali**

Deskrizzjoni:

It-terminu "tal-komunità" ġie sostitwit bil-kliem "tal-unjoni".

Raġunijiet:

Ġiet iffinalizzata l-korrezzjoni formali sabiex jintuża terminu aktar korrett.

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 5 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

3. **Tħassir ta' paragrafu**

Deskrizzjoni:

L-aħħar paragrafu tal-Artikolu 6 tħassar.

Raġunijiet:

Il-paragrafu tħassar peress li ma għadux rilevanti.

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 6 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

4. **Tħassir ta' paragrafu**

Deskrizzjoni:

It-tielet paragrafu tal-Artikolu 7 tħassar.

Raġunijiet:

Il-paragrafu tħassar minħabba li huwa superfluwu.

Emenda tal-Artikolu 7 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

5. **Inklużjoni tal-possibbiltà li jintużaw reċipjenti alternattivi għall-ħġieġ**

Deskrizzjoni:

Qed tiġi inkluża l-possibbiltà għat-tipi kollha tad-DOP Falerio, bl-eċċezzjoni ta' dawk bl-indikazzjoni Vigna, li jużaw reċipjenti oħra alternattivi għall-ħġieġ, li huma magħmula minn materjali oħra li huma adattati biex jiġu f'kuntatt mal-ikel, filwaqt li titneħħa r-referenza għall-plastik tal-polietilen u tal-poliester b'diversi saffi mgeżwra fil-kartun jew f'materjal riġidu ieħor f'volumi ta' bejn 2 u 5 litri, li qabel kienu permessi esklussivament għad-DOP Falerio.

Raġunijiet:

L-għażla li tiġi inkluża l-possibbiltà li jintużaw reċipjenti alternattivi għall-ħġieġ hija dovuta għaż-żieda fid-domanda mill-klijenti, l-importaturi u l-konsumaturi li wrew din il-ħtieġa f'dawn l-aħħar snin. L-entità li qed tressaq il-proposta għalhekk qieset li kien meħtieġ li tiġi introdotta din l-emenda sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet attwali tas-suq.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 7 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u t-taqsima tad-Dokument Uniku "Rekwiżiti oħra applikabbli"

6. **Inklużjoni ta' referenza leġiżlattiva**

Deskrizzjoni:

L-inklużjoni ta' referenza leġiżlattiva għall-emenda tad-Digriet li japprova l-mudell approvat mill-Ministeru b'referenza għall-Pjan ta' Kontroll.

Raġunijiet:

Ħtieġa għal aġġornament regolatorju.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 10 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/Ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Falerio

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP – Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

1. Falerio

DESKRIZZJONI QASIRA

L-inbejjed tad-DOP Falerio huma ta' kulur isfar lewn it-tiben, b'riħa li fiha noti ta' fjuri u ta' frott bil-ġewwieni isfar, b'togħma armonjuża friska hekk kif wieħed iduqhom u li jħallu togħma pjuttost persistenti.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt, jikkonforma mal-limiti previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)

— Aċidità totali minima 4,50 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)

2. Falerio Pecorino

DESKRIZZJONI QASIRA

L-inbejjed tad-DOP Falerio Pecorino huma ta' kulur isfar lewn it-tiben bi sfumaturi ħodor, b'riħa li fiha ħjiel ta' fjuri bojod, noti ta' ananas, ħlewwa u salvja, b'togħma armonjuża friska, qawwija u minerali hekk kif wieħed iduqhom u li jħallu togħma dejjiema u persistenti ħafna.

Kull parametru analitiku li ma jidhirx fit-tabella ta' hawn taħt, jikkonforma mal-limiti previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)

— Aċidità totali minima 4,50 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi*

—

5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

1. Falerio

13 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

2. Falerio Pecorino

11 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taż-żona demarkata**

L-għeneb maħsub għall-produzzjoni tal-inbejjed tad-DOP Falerio jrid jiġi prodott fit-territorju amministrattiv tal-provinċji ta' Ascoli Piceno u Fermo.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

Albana B.

Biancame B. - Trebbiano toscano B.

Bombino bianco B. - Ottenese

Chardonnay B.

Fiano B.

Grechetto B.

Incrocio Bruni 54 B.

Maceratino B. - Ribona

Malvasia bianca Lunga B. - Malvoisier

Malvasia bianca di Candia B. - Malvoisier

Manzoni bianco B. - Incrocio Manzoni 6.0.13 B.

Montonico bianco B. - Montonico

Moscato bianco B. - Moscato reale

Mostosa B.

Passerina B.

Pecorino B. - Vissanello

Pinot bianco B. - Pinot

Riesling italico B. - Welschriesling

Riesling renano B. - Riesling

Sauvignon B. - Sauvignon blanc

Syrah N. - Shiraz

Tocai friulano B. - Tuchì

Trebbiano toscano B. - Procanico

Verdicchio bianco B. - Trebbiano di Soave B.

Vermentino B. - Pigato B.

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

*Falerio*

L-istorja millenarja tal-Falerio diġà tinsab miktuba fl-isem li joriġina mill-belt antika ta' Faleria, li mbagħad kienet ħadet l-isem ta' Falerio Picenus, u issa saret Falerone. L-impatt tal-fatturi umani maż-żmien kellu influwenza fundamentali fuq id-definizzjoni tal-kombinazzjoni tal-varjetajiet tal-għeneb, l-evoluzzjoni tal-metodi tat-tkabbir, is-sistemi ta' żbir u l-prattiki enoloġiċi li permezz tal-interazzjoni tagħhom mal-fatturi naturali karatteristiċi taż-żona jwasslu biex l-inbejjed tad-DOP Falerio ikollhom karatteristiċi organolettiċi u analitiċi distintivi li jagħmluhom uniċi u mhux imitabbli.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli (imballaġġ, tikkettar, rekwiżiti addizzjonali)**

*Introduzzjoni tal-użu ta' materjali oħra adattati għajr il-ħġieġ*

Qafas ġuridiku:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali tat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

it-tipi kollha tad-DOP Falerio, bl-eċċezzjoni ta' dawk bl-indikazzjoni Vigna, huma permessi jagħmlu użu minn reċipjenti alternattivi għall-ħġieġ, li jkunu ta' materjali adattati għall-kuntatt mal-ikel.

**Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott**

http://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/20966